



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Petizzjonijiet

2012/2104(INI)

14.11.2012

EMENDI

1 - 25

Abbozz ta' opinjoni
Giles Chichester
(PE496.666v01-00)

dwar Nisfruttaw aħjar il-benefiċċji tal-miżuri ambjentali tal-UE: nibnu l-fiduċja permezz ta' għarfien u rispons aħjar
(2012/2104(INI))

AM_Com_NonLegOpinion

Emenda 1
Victor Boštinaru

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 1

Abbozz ta' opinjoni

1. Jinnota t-tħassib frekwenti tal-petizzjonanti f'diversi oqsma tal-politika tal-ambjent, bħar-rimi tal-iskart u *l-landfill*, il-ħabitats tal-fawna u l-flora selvaġġa u l-kwalità tal-arja u tal-ilma; ifaħħar l-isforzi tagħhom biex *jirresponsabilizzaw* lill-awtoritajiet, u jistieden lill-Istati Membri biex ikunu sinċieri u jikkooperaw magħhom ***kemm jista' jkun***;

Emenda

1. Jinnota t-tħassib frekwenti tal-petizzjonanti f'diversi oqsma tal-politika tal-ambjent, bħar-rimi tal-iskart u *l-landfills*, il-ħabitats tal-fawna u l-flora selvaġġa u l-kwalità tal-arja u tal-ilma; ifaħħar l-isforzi tagħhom biex *jobbligaw* lill-awtoritajiet *jagħtu rendikont ta' għemilhom*, u jistieden lill-Istati Membri biex ikunu sinċieri u jikkooperaw magħhom;

Or. en

Emenda
Victor Boštinaru

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 2

Abbozz ta' opinjoni

2. Iħeġġeġ lill-Istati Membri ***jibbilanċjaw il-ħtiġijiet ta' ekonomija b'saħħitha ma' dawk tal-ambjent***; jenfasizza li l-komunitajiet lokali għandhom ikunu involuti sew biex jinstab l-aħjar bilanċ bejn il-ħtiġijiet tal-persuni u l-ħtiġijiet tal-fawna u l-flora selvaġġa;

Emenda

2. Iħeġġeġ lill-Istati Membri ***jieħdu l-miżuri meħtieġa kollha għall-preżervazzjoni tal-ambjent u l-promozzjoni ta' żvilupp sostenibbli***; jenfasizza li l-komunitajiet lokali għandhom ikunu involuti sew biex jinstab l-aħjar bilanċ bejn il-ħtiġijiet tal-persuni u l-ħtiġijiet tal-fawna u l-flora selvaġġa;

Or. fr

Emenda 3
Sandrine Bélier

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 2

Abbozz ta' opinjoni

2. Iħeġġeġ lill-Istati Membri **jibbilanċjaw il-ħtiġijiet** ta' ekonomija b'saħħitha **ma' dawk tal-ambjent**; jenfasizza li l-komunitajiet lokali **għandhom ikunu involuti sew biex jinstab l-aħjar bilanċ bejn il-ħtiġijiet tal-persuni u l-ħtiġijiet tal-fawna u l-flora selvaġġa**;

Emenda

2. Iħeġġeġ lill-Istati Membri **jissodisfaw ir-rekwiżiti fir-rigward tal-protezzjoni ambjentali biex jiżguraw l-iżvilupp** ta' ekonomija b'saħħitha **fuq żmien twil**; jenfasizza li l-komunitajiet lokali **jridu jkunu involuti u informati f'dan il-proċess**;

Or. en

Emenda
Rachida Dati

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 2

Abbozz ta' opinjoni

2. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jibbilanċjaw il-ħtiġijiet ta' ekonomija b'saħħitha **ma' dawk tal-ambjent**; jenfasizza li l-komunitajiet lokali għandhom ikunu involuti sew biex jinstab l-aħjar bilanċ bejn il-ħtiġijiet tal-persuni u **l-ħtiġijiet tal-fawna u l-flora selvaġġa**;

Emenda

2. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jibbilanċjaw il-ħtiġijiet ta' ekonomija b'saħħitha **u kompetittiva** ma' dawk tal-ambjent; jenfasizza li l-komunitajiet lokali għandhom ikunu involuti sew biex jinstab l-aħjar bilanċ bejn il-ħtiġijiet tal-persuni u **dawk tal-ambjent tagħhom**;

Or. fr

Emenda 5
Jarosław Leszek Wałęsa

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 2

Abbozz ta' opinjoni

2. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jibbilanċjaw il-ħtiġijiet ta' ekonomija b'saħħitha **ma'**

Emenda

2. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jibbilanċjaw il-ħtiġijiet ta' ekonomija b'saħħitha **ma'**

dawk tal-ambjent; jenfasizza li l-komunitajiet lokali għandhom ikunu involuti sew biex jinstab l-aħjar bilanċ bejn **il-ħtiġijiet** tal-persuni u l-ħtiġijiet tal-fawna u l-flora selvaġġa;

dawk tal-ambjent **sostenibbli**; jenfasizza li l-komunitajiet lokali għandhom ikunu involuti sew biex jinstab l-aħjar bilanċ bejn **l-iżvilupp** tal-persuni u l-ħtiġijiet tal-fawna u l-flora selvaġġa;

Or. en

Emenda 6 Sandrine Bélier

Abbozz ta' opinjoni Paragrafu 3

Abbozz ta' opinjoni

3. Jemmen li, **minħabba li** ċ-ċittadini u r-residenti tal-Istati Membri **qegħdin fl-aħjar pożizzjoni biex jiġġudikaw dwar l-aktar prijoritajiet xierqa għaż-żoni lokali tagħhom, il-prinċipju tas-sussidjarjetà għandu jiġi applikat għal kwistjonijiet ambjentali kull meta jkun possibbli;**

Emenda

3. Jemmen li ċ-ċittadini u r-residenti tal-Istati Membri **għandhom funzjoni prezzjuża biex jirrapportaw u jiddenunċjaw l-okkażjonijiet meta l-ambjent jitqiegħed f'riskju u meta l-leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE tinkiser;**

Or. en

Emenda 7 Victor Boştinaru

Abbozz ta' opinjoni Paragrafu 3

Abbozz ta' opinjoni

3. Jemmen li, minħabba li ċ-ċittadini u r-residenti tal-Istati Membri qegħdin fl-aħjar pożizzjoni biex jiġġudikaw dwar l-aktar prijoritajiet xierqa għaż-żoni lokali tagħhom, il-prinċipju tas-sussidjarjetà għandu jiġi applikat għal kwistjonijiet ambjentali kull meta jkun possibbli;

Emenda

3. Jemmen li, minħabba li ċ-ċittadini u r-residenti tal-Istati Membri qegħdin fl-aħjar pożizzjoni biex jiġġudikaw dwar l-aktar prijoritajiet xierqa għaż-żoni lokali tagħhom, il-prinċipju tas-sussidjarjetà għandu jiġi applikat għal kwistjonijiet ambjentali kull meta jkun possibbli **u għandha tiġi prevista konsultazzjoni taċ-ċittadini qabel ma tittieħed kwalunkwe deċiżjoni politika li jista' jkollha impatt**

fuq l-ambjent immedjat tagħhom;

Or. fr

Emenda 8
Victor Boştinaru

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 4

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

4. Iqis li *regolamentazzjoni żejda ('gold plating')* tal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE mill-Istati Membri tista' tħalli effetti perversi billi tnaqqas l-aċċettazzjoni ta' din il-leġiżlazzjoni; jistieden lill-Istati Membri jmorru lil hinn minn dak li hu mitlub fid-direttivi tal-UE biss meta hemm ħtieġa ċara u aċċettata b'mod popolari;

imħassar

Or. fr

Emenda 9
Sandrine Bélier

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 4

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

4. Iqis li *regolamentazzjoni żejda ('gold plating')* tal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE mill-Istati Membri tista' tħalli effetti perversi billi tnaqqas l-aċċettazzjoni ta' din il-leġiżlazzjoni; jistieden lill-Istati Membri jmorru lil hinn minn dak li hu mitlub fid-direttivi tal-UE biss meta hemm ħtieġa ċara u aċċettata b'mod popolari;

4. Iqis li, *l-implimentazzjoni* tal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE *għandha tiġi kompletament implimentata* mill-Istati Membri; *iħeġġeġ lill-Istati Membri jużaw il-possibilità offruta mit-trattati tal-UE li jadottaw jew iżommu standards u rekwiżiti nazzjonali fil-qasam ambjentali li jkunu aktar stretti minn dawk li jinsabu fil-leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE;*

Or. en

Emenda 10
Rachida Dati

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 4

Abbozz ta' opinjoni

4. *Iqis* li regolamentazzjoni żejda ('gold plating') tal-leġislazzjoni ambjentali tal-UE **mill-Istati Membri** tista' tħalli effetti perversi billi tnaqqas l-aċċettazzjoni ta' din il-leġislazzjoni; jistieden lill-Istati Membri **jmorru** lil hinn minn dak li hu mitlub fid-direttivi tal-UE **biss meta hemm** hteieġa ċara u aċċettata b'mod popolari;

Emenda

4. **Jirrikonoxxi** li regolamentazzjoni żejda ('gold plating') tal-leġislazzjoni ambjentali tal-UE tista' tħalli effetti perversi billi tnaqqas l-aċċettazzjoni ta' din il-leġislazzjoni; jistieden lill-Istati Membri **jikkontrallaw, meta jkunu jixtiequ jinvolve ruħhom** lil hinn minn dak li hu mitlub fid-direttivi tal-UE, **jekk teżistix** hteieġa ċara u aċċettata b'mod popolari;

Or. fr

Emenda 11
Jaroslav Leszek Wałęsa

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 4

Abbozz ta' opinjoni

4. Iqis li regolamentazzjoni żejda ('gold plating') tal-leġislazzjoni ambjentali tal-UE mill-Istati Membri tista' tħalli effetti perversi billi tnaqqas l-aċċettazzjoni ta' din il-leġislazzjoni; jistieden lill-Istati Membri jmorru lil hinn minn dak li hu mitlub fid-direttivi tal-UE **biss meta hemm** hteieġa ċara **u aċċettata b'mod popolari;**

Emenda

4. Iqis li regolamentazzjoni żejda ('gold plating') tal-leġislazzjoni ambjentali tal-UE mill-Istati Membri tista' tħalli effetti perversi billi tnaqqas l-aċċettazzjoni ta' din il-leġislazzjoni; jistieden lill-Istati Membri jmorru lil hinn minn dak li hu mitlub fid-direttivi tal-UE **biss meta hemm** hteieġa ċara **għal dan;**

Or. en

Emenda 12
Sandrine Bélier

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 5

Abbozz ta' opinjoni

5. Jenfasizza li hemm ħtieġa *kbira* biex jiġu żviluppati kapaċitajiet **ġodda** tal-produzzjoni tal-enerġija fl-UE; **jirrikonoxxi li dan ma jistax isir mingħajr ma jkun hemm impatt fuq l-ambjent, u jħeġġeġ lill-Unjoni u lill-Istati Membri biex jagħtu prijorità għar-rikostruzzjoni tal-pajsaġġ wara l-produzzjoni;**

Emenda

5. Jenfasizza li hemm ħtieġa *predominanti* biex jiġu żviluppati kapaċitajiet **li jiġġeddu** tal-produzzjoni tal-enerġija fl-UE **u jħeġġeġ lill-Unjoni u lill-Istati Membri jirrikonċiljaw it-tranżizzjoni enerġetika Ewropew mal-protezzjoni tan-natura u jiżguraw restawr u rikostruzzjoni tal-pajsaġġ wara l-produzzjoni tajbin;**

Or. en

Emenda 13

Peter Jahr, Lena Kolarska-Bobińska

**Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 5**

Abbozz ta' opinjoni

5. Jenfasizza li hemm ħtieġa *kbira* biex jiġu żviluppati kapaċitajiet ġodda tal-produzzjoni tal-enerġija fl-UE; jirrikonoxxi li dan ma jistax isir mingħajr ma jkun hemm impatt fuq l-ambjent, u **jħeġġeġ** lill-Unjoni u lill-Istati Membri **biex jagħtu prijorità għar-rikostruzzjoni tal-pajsaġġ wara l-produzzjoni;**

Emenda

5. Jenfasizza li hemm ħtieġa *predominanti* biex jiġu żviluppati kapaċitajiet ġodda tal-produzzjoni tal-enerġija fl-UE; jirrikonoxxi li dan ma jistax isir mingħajr ma jkun hemm impatt fuq l-ambjent, u **għaldaqstant iħeġġeġ** lill-Unjoni u lill-Istati Membri **jindirizzaw l-effetti ambjentali ħżiena u jreġġgħu lura l-inħawi użati għall-kundizzjoni preċedenti tagħhom ladarba jitlestha proġett;**

Or. en

Emenda 14

Victor Boştinaru

**Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 5**

Abbozz ta' opinjoni

5. Jenfasizza li hemm ħtieġa *kbira* biex jiġu

Emenda

5. Jenfasizza li hemm ħtieġa *kbira* biex jiġu

żviluppata kapaċitajiet ġodda tal-produzzjoni tal-enerġija fl-UE; jirrikonoxxi li dan ma jistax isir mingħajr ma jkun hemm impatt fuq l-ambjent, u jħeġġeġ lill-Unjoni u lill-Istati Membri biex jagħtu prijorità għar-rikostruzzjoni tal-pajsaġġ wara l-produzzjoni;

żviluppata kapaċitajiet ġodda tal-produzzjoni tal-enerġija *nadifa* fl-UE; jirrikonoxxi li dan ma jistax isir mingħajr ma jkun hemm impatt fuq l-ambjent, u jħeġġeġ lill-Unjoni u lill-Istati Membri biex jagħtu prijorità għar-rikostruzzjoni tal-pajsaġġ wara l-produzzjoni;

Or. fr

Emenda 15
Jarosław Leszek Wałęsa

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 5

Abbozz ta' opinjoni

5. Jenfasizza li hemm hteġa kbira biex jiġu żviluppata kapaċitajiet ġodda tal-produzzjoni tal-enerġija fl-UE; jirrikonoxxi li dan ma jistax isir mingħajr ma jkun hemm impatt fuq l-ambjent, u jħeġġeġ *lill-Unjoni* u lill-Istati Membri biex jagħtu prijorità għar-rikostruzzjoni tal-pajsaġġ wara l-produzzjoni;

Emenda

5. Jenfasizza li hemm hteġa *predominanti* biex jiġu żviluppata kapaċitajiet ġodda tal-produzzjoni tal-enerġija fl-UE, *u biex isir investiment fit-teknoloġija u l-metodi alternattivi għall-produzzjoni tal-enerġija*; jirrikonoxxi li dan ma jistax isir mingħajr ma jkun hemm impatt fuq l-ambjent, u jħeġġeġ *lill-Kummissjoni Ewropea* u lill-Istati Membri biex jagħtu prijorità għar-rikostruzzjoni tal-pajsaġġ wara l-produzzjoni;

Or. en

Emenda 16
Rachida Dati

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 6

Abbozz ta' opinjoni

6. Iqis li standards għolja ta' informazzjoni u trasparenza dwar il-leġiżlazzjoni ambjentali u l-applikazzjoni tar-regoli tal-UE huma essenzjali biex ikun żgurat li l-

Emenda

6. Iqis li standards għolja ta' informazzjoni u trasparenza dwar il-leġiżlazzjoni ambjentali u l-applikazzjoni tar-regoli tal-UE huma essenzjali biex ikun żgurat li l-

politika ambjentali tal-UE ***jkollha l-approvazzjoni taç-çittadini;***

politika ambjentali tal-UE ***tkun magħrufa u mifhuma aħjar miç-çittadini;***

Or. fr

Emenda 17
Jaroslav Leszek Wałęsa

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 6

Abbozz ta' opinjoni

6. Iqis li standards għolja ta' informazzjoni u trasparenza dwar il-leġiżlazzjoni ambjentali u l-applikazzjoni tar-regoli tal-UE huma essenzjali biex ikun żgurat li l-politika ambjentali tal-UE jkollha l-approvazzjoni taç-çittadini;

Emenda

6. Iqis li standards għolja ta' informazzjoni u trasparenza dwar il-leġiżlazzjoni ambjentali u l-applikazzjoni tar-regoli tal-UE huma essenzjali biex ikun żgurat li l-politika ambjentali tal-UE jkollha l-approvazzjoni taç-çittadini ***u biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni tagħhom mal-awtoritajiet lokali;***

Or. en

Emenda 18
Peter Jahr, Lena Kolarska-Bobińska

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 6

Abbozz ta' opinjoni

6. Iqis li standards għolja ta' informazzjoni u trasparenza dwar il-leġiżlazzjoni ambjentali u l-applikazzjoni tar-regoli tal-UE huma essenzjali biex ikun żgurat li l-politika ambjentali tal-UE jkollha l-approvazzjoni taç-çittadini;

Emenda

6. Iqis li standards għolja ta' informazzjoni u trasparenza dwar il-leġiżlazzjoni ambjentali u l-applikazzjoni tar-regoli tal-UE huma essenzjali biex ikun żgurat li l-politika ambjentali tal-UE jkollha l-approvazzjoni taç-çittadini; ***jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lir-reġjuni kkonċernati jtejbu l-fluss ta' informazzjoni u t-trasparenza permezz ta' skambju aktar attiv u aktar frekwenti bejniethom;***

Emenda 19
Peter Jahr, Lena Kolarska-Bobińska

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

6a. Fir-rigward tal-proġetti bil-possibilità ta' impatt ambjentali transkonfinali, jistieden lill-Istati Membri jinformaw b'mod komprensiv lill-pubbliku u l-awtoritajiet affettwati fl-Istati Membri kkonċernati malajr kemm jista' jkun u jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li jiġu kkonsultati kif jixraq;

Emenda 20
Rachida Dati

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 7

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

7. Ifaħħar l-introduzzjoni tal-valutazzjonijiet tal-impatt ambjentali; madankollu, ihegġegħ sabiex dawn jiġu żviluppati f'koerenza sħiħa mal-valutazzjonijiet tal-impatt tradizzjonali, b'mod partikolari fir-rigward tal-effetti tagħhom fuq il-ħtiġijiet ta' negozji żgħar u tar-residenti, kif ukoll tal-flora u tal-fawna;

7. Ifaħħar l-introduzzjoni tal-valutazzjonijiet tal-impatt ambjentali; madankollu, ihegġegħ sabiex dawn jiġu żviluppati f'koerenza sħiħa mal-valutazzjonijiet tal-impatt tradizzjonali, b'mod partikolari fir-rigward tal-effetti tagħhom fuq il-ħtiġijiet ta' negozji żgħar ***u ta' daqs medju*** u tar-residenti, kif ukoll tal-flora u tal-fawna;

Emenda 21
Sandrine Bélier

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 7

Abbozz ta' opinjoni

7. Ifaħħar l-introduzzjoni tal-valutazzjonijiet tal-impatt ambjentali; **madankollu, iħeġġeġ sabiex dawn jiġu żviluppati f'koerenza sħiħa mal-valutazzjonijiet tal-impatt tradizzjonali, b'mod partikolari fir-rigward tal-effetti tagħhom fuq il-ħtiġijiet ta' negozji żgħar u tar-residenti, kif ukoll tal-flora u tal-fawna;**

Emenda

7. Ifaħħar l-introduzzjoni tal-valutazzjonijiet tal-impatt ambjentali **u jilqa' l-proposti l-ġodda tal-Kummissjoni Ewropea biex tadatta l-leġiżlazzjoni li għandha x'taqsam mat-tali valutazzjonijiet; jindika li l-Kumitat għall-Petizzjonijiet kull sena jirċievi għadd importanti ta' petizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mar-riskji u l-ħsarat ambjentali marbutin mal-ksur ta' din il-biċċa l-leġiżlazzjoni u għaldaqstant bi ħsiebu jkun kompletament involut fil-proċedura ta' reviżjoni;**

Or. en

Emenda 22
Victor Boştinaru

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 7

Abbozz ta' opinjoni

7. Ifaħħar l-introduzzjoni tal-valutazzjonijiet tal-impatt ambjentali; **madankollu, iħeġġeġ sabiex dawn jiġu żviluppati f'koerenza sħiħa mal-valutazzjonijiet tal-impatt tradizzjonali, b'mod partikolari fir-rigward tal-effetti tagħhom fuq il-ħtiġijiet ta' negozji żgħar u tar-residenti, kif ukoll tal-flora u tal-fawna;**

Emenda

7. Ifaħħar l-introduzzjoni tal-valutazzjonijiet tal-impatt ambjentali **u jitlob lill-Istati Membri joqogħdu attenti biex din il-leġiżlazzjoni tiġi implimentata aħjar, billi tkun tqis speċifikament il-ħtiġijiet ta' negozji żgħar u tar-residenti, kif ukoll tal-flora u tal-fawna; jiddikjara t-tħassib tiegħu dwar id-dewmien frekwenti tal-Istati Membri fit-twettiq ta' dawn il-valutazzjonijiet u jitlob l-introduzzjoni ta' garanziji rigward l-imparzjalità u l-oġġettività fir-reviżjoni futura ta' din id-Direttiva;**

Emenda 23
Sandrine Bélier

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 8

Abbozz ta' opinjoni

8. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex issib modi **li bihom tirrikonċilja aħjar il-politiki ambjentali mal-Politika** tas-Sajd Komuni u l-Politika Agrikola Komuni;

Emenda

8. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex issib modi **kif tiddefinixxi u tiżviluppa aħjar il-Politika** tas-Sajd Komuni u l-Politika Agrikola Komuni **bi qbil mal-acquis ambjentali tal-UE**;

Or. en

Emenda 24
Jaroslav Leszek Wałęsa

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 8

Abbozz ta' opinjoni

8. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex issib modi li bihom tirrikonċilja aħjar il-politiki ambjentali mal-Politika tas-Sajd Komuni u l-Politika Agrikola Komuni;

Emenda

8. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex issib modi li bihom tirrikonċilja aħjar il-politiki ambjentali mal-Politika tas-Sajd Komuni u l-Politika Agrikola Komuni, **biex b'hekk tissaħħaħ il-kompetittività tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju fis-setturi tas-sajd u l-akwkultura, waqt li l-objettiv hu l-promozzjoni tal-impjegi u l-appoġġ għall-mobilità tal-forza tax-xogħol**;

Or. en

Emenda 25
Sandrine Bélier

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 9

Abbozz ta' opinjoni

9. Ihegġegħ lill-Istati Membri jimplimentaw il-leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE bl-iktar mod ċar, sempliċi u li faċli jinftiehem minn kulħadd.

Emenda

9. Ihegġegħ lill-Istati Membri jimplimentaw il-leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE bl-iktar mod ċar, sempliċi u li faċli jinftiehem minn kulħadd ***waqt li jiżguraw l-effiċjenza tiegħu.***

Or. en